MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-6 ta' Frar, 2012

Numru 131/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Agius)**
**vs**
**David Attard**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **David Attard** ta’ 21 sena, bin Joseph u Rita *nee’* Spiteri, mwieled Pieta’ nhar it-18 t’Otturbu, 1990 u residenti 4 Triq ix-Xitwa Qormi u detentur tal-karta tal-identita’ numru 495090M;

Talli nhar l-4 ta’ Frar 2012, ghall-habta ta’ 15:10hrs fi Triq San Bastjan Hal-Qormi, b’nuqqas ta’ hsieb u traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila jew professjoni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti, waqt li keun qed isuq vettura tal-ghamla Volkswagen Passat bin-numru tar-registrazzjoni DBI 547 volontarjament ikkaguna offizi ta’ natura gravi per durata fuq il-persuna ta’ Reece Silvio Debono minn Hal-

Luqa u feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Kurt Scicluna minn Hal-Luqa skond kif iccertifika Dr. Matthew Mercieca Balbo Reg. No. 5302 u Dr. Bassam Shamala M.D.Reg No. 1661 ta’ l-isptar Mater Dei;

F’kaz ta’ htija l-prosekuzzjoni qed titlob is-sospenzjoni ta’ kull licenzja tas-sewqan tal-istess David Attard;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Rat l-atti tal-kawza u stante ammissjoni l-akkuza tirrizulta pruvata;

Rat l-artikoli 226(a) u (c) tal-Kap 9;

Rat il-fedina penali nadifa tal-imputat.

Kwantu l-piena, l-prosekuzzjoni talbet fis-sottomisjonijiet taghha li tinghata taghlima lill-imputat u semmiet distanza ta’ brake marks u hsarat fil-proprjeta’ ta’ terzi izda minkejja dan ma akkuzatx lill-imputat b’offizi ohra bhal sewqan perikoluz u hsara fi hwejjeg ta’ terzi u ghalhekk ma tistghax tkun taf il-portata tal-fatti jigifieri jekk dan kienx incident spjegabbli jew kawza ta’ xi sewqan in eccess tar-regoli tat-traffiku jew abbuz iehor. Il-Qorti ghallhekk qed titratta mal-imputat billi tikkundannah ghal terminu ta’ prigunerija ta’ sitt xhur (6) mil-lum liema terminu ma jiddekorrix hlief jekk l-imputat jikkometti rejat iehor punibbli bi prigunerija sa zmien sena mil-lum skond l-artikolu 28A tal-Kap 9. Inoltre ai termini ta’ l-artikolu 30 tal-Kap 9, tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan tieghu ghall-zmien xahar (1) mil-lum.

Il-Qorti fissret lill-imputat l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza.

Stante li l-prosekuzzjoni ma kellhiex il-kunsens tal-avukat generali sabiex din il-kawza tkun trattata u deciza bil-procedura sommarja, tordna li dawn l-atti jintbaghtu ghand l-avukat generali fi zmien li trid il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------